**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 115/2025 AL

A B

sive A C D E

u

F G H

(M.R. Numru 671/2004)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (25/05/2004) liema zwieg huwa registrat bin-numru progressiv

sebgha mija u ghoxrin tas-sena elfejn u erbgha (720/2004), u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn Fss u mmarkat **Dok "A";**

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx ulied;

Illi fl-ewwel t'Awissu tas-sena elfejn u sitta (01/08/2006) l-partijiet għamlu separazzjoni tal-beni, hekk kif jirrizulta mill-att pubbliku insinwat fl-ghaxra t'Awissu elfejn u sitta (10/08/2006) debitament redatt min-nutar Dottor Timothy Ellis li qed jigi hawn Fss u mmarkat bhala **Dok "B";**

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal hafna snin u ghalhekk aktar minn sitt xhur kif jipprovdi l-artikolu;

IIli ma hemm ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin kif ukoll illi l-partijiet qed jirrinunzjaw ghall-manteniment hekk kif iddikjarat mill-partijiet fl-affidavit hawn Fss u mmarkat **Dok "C";**

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 A *et seq* tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldqstant, ir-rikorrenti umilment bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn A B sive A C D E u F G H li gie ccelebrat nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (25/05/2004) liema zwieg huwa rregistrat bin-numru progressiv sebgha mija u ghoxrin tas-sena elfejn u erbgha (720/2004)

2. Tordna lir-regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-13 ta’ Marzu, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati għal ħafna snin u legalment separati mill-1 t'Awwissu 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.